**Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu**

**MEJJU 2008** **NUMRU 232**



*Omm Qaddisa*
*tal-Kbir Alla*
*Taħt il-Mant*
*Tiegħek nistkennu*

## Lill-Presidenti, Assistenti Ekkleżjastiċi u Membri.

Fix-xhur li għaddew kellimtkom fuq meta t-talb ikun magħmul tajjeb kif għandu l-kapaċità jibdel ir-ruħ għall-aħjar u tista' tasal għall-qdusija kbira. Meta t-talb ikun tajjeb, jiġifieri li meta nitolbu nkunu nafu ma' min qed nitkellmu u nafu x'aħna ngħidu. Dan hu proċess twil u ma jsirx mil lum għal għada, u l-anqas ma hu proċess faċli, u biex xi ħadd jibda jitlob tajjeb jinħtieġ l-ewwel li jkollu rieda soda u wara li jibda jippreserva fit-talb. Kemm hawn min jitlob ħafna, imma jitlob bla ma jaf ma' min qed jitkellem u l-anqas jaf x'inhu jgħid. Dan mhux talb.

Ir-repetizzjoni tgħin ħafna jgħid il-qawl. U jien se nerġa' nirrepeti dak li ktibtilkom kemm fl-*Information Sheet* u fil-Ħuġġieġa. Dawn l-erba' ittri jistgħu jgħinuna biex nitolbu aħjar. Mhux importanti li ndumu, speċjalment għall-ewwel, imma li f'ħin qasir nkunu nistgħu nagħmlu talb tajjeb. . . .
**P . . .Preżenza ta' Alla.** Qabel nibdew nitolbu rridu npoġġu ruħna fil-preżenza ta' Alla, nemmnu li Alla huwa preżenti, ukoll jekk m'inix quddiem Ġesù Ewkaristija . . . Alla hu Omnipreżenti . . .U tgħidlu li inti temmen li Hu qiegħed ħdejk . . .
**A . . . Adorazzjoni . . .**meta npoġġu lilna nfusna quddiem Alla, fil-preżenza tiegħu, nadurawh . . Tadura tfisser tipprova taħseb fuq il-kobor, il-qdusija, is-setgħa, l-imħabba u l-attributi tiegħu kollha . . u naħsbu kemm aħna fqar, u niddependu mill-ħniena nfinita tiegħu . . .
**I . . . Indiema . . .** Meta nafu li qegħdin quddiemu u tajnih qima, niftakru li aħna midinbin . . Kemm nonqsu . . . U nitolbuħ maħfra. .
**T . . .Talb** għal xi ħaġa li tixtieq kemm spiritwali, bħal iktar qdusija, għall-konverżjoni tal-midinbin, għall-Knisja jew Vokazzjonijiet eċċ . . . Kemm materjali bħal saħħa jew grazzji oħra li nixtiequ naqilgħu. .
**R . . .Radd il-Ħajr . .** ringrazzjament għax tlabt, Hija grazzja ġejja minn Alla, jew tal-grazzji kollha tul ħajjitna . . .
**P A I T R** Dak li jkun jista' jiftaħ kemm irid fuq kull ittra . . . Iktar ma jgħaddi żmien, iktar nidraw nitkellmu mal-Mulej. M'hemmx formoli kif titlob, imma hemm imħabba tal-qalb . . .

**. . . . . Min ma jitlobx ma jafx jgħix . . .**

**++++++++++++++++++++++++++**

Ix-xahar ta' Mejju, xahar ddedikat lil Madonna. Tajjeb li tul dan ix-xahar nagħmlu ħilitna kollha billi naħsbu jekk id-devozzjoni tagħna lejn Marija hix sinċiera. Devozzjoni ma tfissirx li ngħid it-talb lil Marija, imma li aktar nsiru nixbħuha fil-virtujiet tagħha.
**P.Damian Cachia O.Carm Ass. Ekkl. Ġenerali**

## MADWARNA

### Nistennew bil-ħerqa il-messaġġ tal- Papa Benedettu XVI lill-Azzjoni Kattolika

L-Azzjoni Kattolika qegħda tiċċellebra il-140 anniversarju mit-twaqqif tagħha f'l-Italja. Għal din l-okkażjoni, il-Papa Beneditu XVI huwa mistenni li jindirizza lill-Azzjoni Kattolika wara t-talba ta' l-Anġelus, fi Pjazza San Pietru, nhar il-Ħadd 4 ta' Mejju. Dil-Quddiesa ser tiġi imxandra dirett mir-RAI fuq RAI 1. Qabel ser ikun hemm quddiesa fl-istess Pjazza mill-Eċċellenza Tiegħu Kardinal Angelo Bagnasco, President tal-Konferenza Episkopali Taljana.

L-Azzjoni Kattolika Taljana stiednet rappreżentanza ta' ħames membri minn kull nazzjon. Malta ser tkun rappreżentata minn Miriam Teuma viċi president, Adrian Leone Ganado Segretarju Ġenerali, Josef u Daniela Debono, Vincienne Debono u minni. Fil-lejla ta' qabel ser ikun hemm velja ta' talb fil-Bażilika ta' San Giovanni in Laterano, b'ringrazzjament lil Alla. Mingħajr dubju ta' xejn, aħna inkunu qegħdin nitolbu l-barka u l-għajnuna ta' Alla biex jilluminana fil-vjaġġ tagħna 'l quddiem u biex iqaddes lill membri kollha Maltin b'mod partikolari din is-sena meta bħala programm għażilna li nikkonċentraw fuq il-formazzjoni u il-qdusija tagħna.

Din iċ-ċelebrazzjoni ser tiġi ippreċeduta mil-laqgħa tal-Forum Internazzjonali ta' l-Azzjoni Kattolika. Għall-din il-laqgħa tal-Forum, li matulha ser niċċelebraw għeluq il-għoxrin sena mill-publikazzjoni tal-Christifideles Laici, ser ikun hemm preżenti l-Kardinal Stanislaw Rylko, President tal-Kunsill Pontifiċju għall-Lajċi, il-Kardinal Leonardo Sandri, prifett tal-Kongregazzjoni tal-Knejjes Orjentali u Isqfijiet minn sitt pajjizi. Mistennija wkoll li jiġu ippreżentati u aċċettati tliet pajjiżi bħala membri ġodda tal Forum.

It-tema għall-din il-laqgħa ser tkun "Għall-Ħajja tad-Dinja" ( Gw.5.52), parti minn kliem Ġesu meta qal "Il-ħobż li jiena nagħti, huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja." Il-laqgħa ser tkun komposta minn sensiela ta' talb, immexxija mill-isqfijiet u saċerdoti li qegħdin jipparteċipaw u preżentazzjonijiet marbutin mat-tema, minn kelliema internazzjonali u prominenti.

Nittamaw li din l-esperjenza tħalli l-frott tagħha, timliena bl-entużjażmu u tarmana b'ħafna tagħlim għall-futur. Min naħa tagħna, aħna naqsmu din l-esperjenza tagħna magħkom fil-futur.
**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

## ATTIVITAJIET TA' L-AZZJONI KATTOLIKA MATUL IX-XAHAR TA' MEJJU 2008

| | | |
|---|---|---|
| 1 ta' Mejju | Membri Kollha | Siegħa Adorazzjoni organiżżata mill-Azzjoni Kattolika fis-Seminarju tal-Virtu mill-17:30 sas-18:30. |
| | Gruppi Koppji | Irtir fil-Kappella ta' San Ġorġ, B'Bugia mid-9:00 sas-13:00 – Tema: "Il-Valuri taż-Żwieġ Nisrani". Imexxi P. William Axiaq OFM Cap. |
| **4 ta' Mejju** | **Fergħa Xebbiet Adulti** | **Irtir (Aktar dettalji jingħataw fiċ-ċirkulari)** |
| 8 ta' Mejju | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30. |
| | **Fergha Xebbiet Adulti** | **Kunsill Ċentrali fis-18:00 fl-Istitut Kattoliku, Floriana** |
| 9 ta' Mejju | Direttorju | Laqgħa fis-18:00 fl-Istitut Kattoliku, Floriana |
| 10 ta' Mejju | Membri kollha | Illum il-Knisja tiċċelebra l-Pentekoste. Kulħadd huwa mistieden biex jattendi għal l-attivita djoċesana. Membri taz-ZAK se jkollhom sehem attiv matul din l-attività. |
| **13 ta' Mejju** | **Fergħa Xebbiet Adulti** | **Laqgħa ta' formazzjoni għall-membri u ħbieb fis-18:00, f'Sala Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana** |
| 14 ta' Mejju | Fergħa Nisa | W.U.C.W.O. Day – Iċ-ċirkoli kollha huma mistiedna biex jattendu għal attivita li ser issir fil-Knisja Parrokjali Marija Annunzjata Balzan bejn id-9:30 -11:15 |
| | Kummissjoni Ħidma Morda | Eżekuttiv fis-18:00 |
| | Għalliema | Kors ta' Spiritwalità fil-17:30 |
| 18 ta' Mejju | Fergħa Rġiel | Irtir fid-Dar ta' l-Anzjani – Naxxar |
| 19 ta' Mejju | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30 |
| | ŻAK | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'B'Kara fit-20:30 |
| 21 ta' Mejju | Ghalliema | Laqgħa tal-Kunsill fil-17:30 |
| 22 ta' Mejju | Fergħa Nisa | Laqgħa Formattiva – Kunsill u Kummissjoni Romol |
| 23 ta' Mejju | Direttorju | Laqgħa fis-18:00 fl-Istitut Kattoliku, Floriana |
| 24 ta' Mejju | ŻAK | Membri taż-ŻAK flimkien isegwu l-Ewrovision Song Contest. |
| 26 ta' Mejju | ŻAK | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'B'Kara fit-20:30 |
| 28 ta' Mejju | S.A.S. | Laqgħa tal-Kunsill fis-18:00 |
| 29 ta' Mejju | Fergħa Nisa | Skola ta' l-Appostolat – Kumitati taċ-Ċirkoli fid-9:30 Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana |



**Radju Marija**

Infakkrukom li l-Programm ta' l-Azzjoni Kattolika "Mill-Ħuġġieġa" fuq Radju Marija jixxandar kull nhar ta' Tnejn bejn il-11:00 u 12:00. b'ripetizzjoni nhar ta' Sibt bejn il-17:00 u s-18:00

**L-Information Sheet Bl-*email***

Tixtieq tirċievi l-Information Sheet bl-email? Ibgħat it-talba tiegħek permezz ta' email indirizzata lill-infosheet@*akmalta.org*

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA



### SERVIZZ BIL-MINIBUSES PROPJU GĦAL MIN ĦAFNA DRABI HU MINSI F'DARU

Żgur li hawn anzjani fil-parroċċi tagħkom li minħabba l-kundizzjoni tagħhom ma joħorġux. Ejjew niftakru fihom minn żmien għal żmien. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-komunità. Ċemplu 21226920 u ħallu messaġġ fuq l-*Answering Machine* u s- Sur Joe Theuma jċempel lura hu stess - Mobile Joe Theuma - 99452768. F'kas ta' diffikulta ċemplu uffiċċju SAS 21 220286.

-------------------------------------

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ



***SOLIDARJETÀ*** Il-programm li tippreżenta l-A.K.M. ddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità bl-isem SOLIDARJETÀ qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-20:30 fuq Radju Malta.
Dawn huma d-dati tal-Programm tagħna għal Mejju 2008:- 4, 11, 18 u 25.

**Laqgħa mar-Redentur -** Nhar is-Sibt 31 ta' Mejju 2008 se jkollna l-laqgħa annwali mar-Redentur fl-Isla.

--------------------------------



### *Adorazzjoni għal Vokazzjonijiet*

Fis-Seminarju tal-Virtù, Rabat, kull l-ewwel Ħamis tax-xahar, qegħda tiġi organiżżata ġurnata ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat bis-sehem ta' diversi gruppi minn madwar Malta. Qegħdin nagħmlu sejħa liċ-Ċirkoli biex jagħżlu xi xahar partikolari li fih joffru li jmorru jgħaddu siegħa ma' Ġesù Sagramentat. Min jixtieq imur iċempel lil Mrs. C. Agius Delicata fuq tel:- 21238851. Inħeġġu lil kull min jista' biex jattendi.



**Pellegrinaġġ Nazzjonali Marjan**

f'ġieħ Il-Madonna ta' Pompei
fil-Parroċċa ta' Marsaxlokk
Nhar it-Tlieta 8 ta' Mejju fis-19:00
Wara jkun hemm konċelebrazzjoni. Nitolbukom ukoll ixxandru avviż fejn tħeġġu lin-nies tal-parroċċa tagħkom biex jattendu għall-pellegrinaġġ.

**Ninkuraġġixxu wkoll lil min jorganizza '*private*' għall-okkażżjoni.**



## LOTTERIJA B'RISQ L-AZZJONI KATTOLIKA

Tinsiex il-biljetti tal-Lotterija b'risq l-Azzjoni Kattolika Maltija, iridu jaslu is-segreterija sa nħar il-Gimgħa 9 ta' Mejju, 2008. GRAZZI mill-qalb ta' l-għajnuna.

-----------------------------------------------------------------------------------------------------






**Wasal JUM l-OMM**
**jew trid tagħti xi riġal għall-**
**L-EWWEL TQARBINA**
**u ma tafx x'ser tixtri**
**fil- Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika**
**– Floriana**

**Wieħed isib:**




**Għax-xahar ta' Mejju, varjetà ta' riġali għal Jum l-Omm u għall-Ewwel Tqarbina, kif ukoll kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi, u ħafna affarijiet oħra.**

**Jistaw jinxtraw ukoll 'Gift Vouchers'.**
**Issibu ukoll kemm 'cards' tal-'Vodafone'**
**kif ukoll tal-'Go'.**




**Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa: - 09:00 sa nofsinhar**
**16:00 sas 19:30**
**is-Sibt filgħodu biss**



**Tel: 21 237031**

**Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek min din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.**



## KUMMISSJONI FUND RAISING

### Grazzi lil Mama Ngħidu Grazzi

L-aktar persuna għal qalbna żgur hija l-mama. Bid-difetti kollha umani, l-imħabba, x-xogħol, il-kura u l-attenzjoni tagħha lejn uliedha u l-familja żgur li jisbqu kull difett li jista jkollha. Għalhekk xieraq li fix-xahar ta' Mejju, xahar iddedikat lil Ommna tas-Sema, ninsew kull differenzi li jista jkun hemm bejnietna u nuruha kemm nirrispettawha u kemm napprezawha. Il-Kummissjoni Fundraising qed torganiżża ikla-buffet fil-Lukanda **SOREDA**, Triq Andrew Cunningham, Qawra, f'ġieħ l-ommijiet kollha, kemm dawk tal-membri, tal-ħbieb tagħhom u xi ommijiet oħra li nafu li huma weħidhom nhar il-Ħadd 18 ta' Mejju 2008 minn 12:30 'l quddiem. Għalhekk jekk ma tridx toħroġ diżappuntant, fittex ibbukkja mas-Segreterija fuq in-numru tat-telefon 21222239. Il-prezz huwa ta' **Kbar EUR 14** (Lm6) u t-**Tfal EUR 7** (Lm3). Għandek ċans sa nħar il-Ġimgħa 16 ta' Mejju, u tinsewx biex meta iċċemplu tgħidulna ma min tridu toqgħodu fuq il-mejda. Jekk ikollkom bżonn it-transport tistgħu iċċemplu lil Ms Marie Bartolo fuq in-numru tat-telefon 21221931. Nisperaw li narawkom!!!!!!!

## MENU

A selection of salads, antipasti and meat cuts from the Buffet Table

-----------------------

Soup of the day

-----------------------

From the Pasta Station

Fusilli blended with shellfish, wine & herbs
or
Fusilli tossed with feta, artichokes, cherry tomatoes and ripe black olives

--------------------------

From the Carvery Table

Roast lion of beef with horseradish sauce
Roast breast of turkey with cranberry sauce
Chicken legs marinated in lemon, balsamic vinegar and coriander and baked in its own sauce
Vindaloo lamb garnished with Basmati Rice, poppadoms and condiments
Braised whole baby swordfish, flavoured with raspberry vinaigrette

Bouquetiere of vegetables
Roast Potatoes

--------------------

A selection of desserts, cheeses and carved fruits from our dessert table.

-------------------

Cheese and Maltese biscuits

---------------------

A glass of wine or Soft drink